# IL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

*Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)*

---

**Illum l-10 ta' Diċembru, 2020**

Appell numru 108 tal-2018

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Bjorn BARTOLO**

Il-Qorti:

1. Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellant Bjorn BARTOLO (K.I. 286283M), u li ġie mixli talli (in suċċint) f'dawn il-Gżejjer, fl-20 t'ottubru 2005 u fix-xhur ta' qabel din id-data:
   i. Ittraffika, biegħ jew qassam mediċina psikotropika u ristretta (ecstasy) mingħajr awtorizzazzjoni speċjali bil-miktub tas-Superintendent tas-Saħħa Pubblika;
   ii. Kellu fil-pussess tiegħu id-droga kokajina meta ma kellux awtorizzazzjoni tat-Tabib Prinċipali tal-Gvern;

iii. Kellu fil-pussess tiegħu ir-raża meħuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom din il-bażi.

2. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tat-28 ta' Frar 2018, fejn il-Qorti sabet lill-imputat appellant mhux ħati tat-tielet imputazzjoni u illiberatu minnha filwaqt li sabitu ħati tal-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet u kkundannatu għall-piena ta' tminn xhur priġunerija u multa ta' elf u mitejn euro (€1200) pagabbli mensilment skont kif imsemmi fis-sentenza.

3. Rat ir-rikors tal-appell ta' Bjorn BARTOLO, fejn talab lil din l-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha f'dik il-parti fejn sabitu mhux ħati tat-tielet imputazzjoni u tħassarha fejn sabitu ħati tal-ewwel żewġt imputazzjonijiet biex b'hekk huwa jiġi lliberat minn kull imputazzjoni dedotta kontra tiegħu.

4. Rat ir-rikors tal-appellant magħmul nhar l-4 ta' Novembru 2019 u li permezz tiegħu huwa talab lil din il-Qorti sabiex tikkonverti ruħha billi tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.

5. Rat ir-risposta tal-Avukat Ġenerali fejn waqt li huwa staqsa għaliex din it-talba ma kienetx saret quddiem il-Qorti tal-Maġistrati saħaq li qabel xejn l-appellant ried jissodisfa l-kriterji stabbiliti mill-artikolu 8(1)(2)(a)(ċ) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta u dan mingħajr preġudizzju għar-relazzjoni tal-Uffiċjal tal-Probation Donnalise Livori.

6. Semgħet ix-xiehda ta' Dr. John Zammit Montebello nonche Matthew Deguara mitluba mir-rikorrent.

7. Semgħet it-trattazzjoni tal-partijiet dwar dan il-każ.

8. Rat l-atti u d-dokumenti kollha, inkluż il-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta;

***Ikkunsidrat***

9. Illi din il-Qorti qieset l-atti b'attenzjoni u b'mod partikolari r-raġunijiet dettaljati imsemmija fis-sentenza appellata mnejn jirriżulta li din daħlet fid-dettall biex tifhem is-sitwazzjoni partikolari tal-appellant.

Ġie pruvat li l-appellant kien għamel sa minn eta żgħira abbuż mid-droga u dan baqa' jiġi muri wkoll fir-rapport tal-Uffiċjal tal-Probation a fol 125. Mill-banda l-oħra kienet importanti ħafna x-xiehda ta' Dr. John Zammit Montebello li tagħti dimensjoni ħajja tas-sitwazzjoni li kienet ħakmet lill-appellant, almenu qabel ma huwa telaq minn Malta. Importanti wkoll kienet ix-xiehda ta' Matthew Deguara li tkompli tagħti wkoll indikazzjoni dwar il-karattru kumpless tal-appellant, nonche wkoll ċertu element ta' progress li huwa rreġistra f'ħajtu.

10. Din il-Qorti tqis li mill-kumpless tal-provi prodotti jirriżulta li l-appellant għad għandu fuq xiex jaħdem fuqu nnifsu, iżda hemm tama konkreta li huwa jinfatam mill-vizzju tad-droga. Dil-Qorti tara li hemm tama li l-appellant ikompli jsaħħaħ ir-rieda tiegħu biex joħroġ b'mod definittiv mill-vizzju tal-abbuż tad-droga.

***Ikkunsidrat***

11. Illi l-appellant ġie misjub ħati li huwa traffika fid-droga ecstasy u li kien fil-pussess tad-droga kokajina.

12. Il-pre-rekwiżiti għall-applikabbilita ta' dan l-artikolu 8 jinsabu fl-artikolu 13 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta. Biex din il-Liġi tiġi li tagħmel sens, l-artikolu 13 irid jiġi moqri in sintonija miegħu innifsu

(ċjoe mas-subartikoli li jikkontjeni), kemm mal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537, kif ukoll mal-ispirtu wara l-promulgazzjoni ta' din il-Liġi.

13. Din il-Qorti tifhem li din il-Liġi hija intiża, inter alia, sabiex min ikun tossiku dipendenti jkun jista' jsib struttura legali u fattwali li tgħinu jqum fuq saqajh grazzi għal qafas leġislattiv li jiffoka fuq l-aspett rijabilitattiv aktar milli dak retributtiv. Iżda il-Leġislatur ried li ċertu kategoriji ta' reati ma jkunux jikkwalifikaw għall-dawn il-miżuri speċjali. Fil-fatt l-artikolu 13 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta jippreskrivi filtru li jħalli biss ċertu tipoloġiji ta' reati li jkunu jistgħu jikkwalifikaw għall-applikabbilita ta' dan l-Att. Jingħad hekk:-

> Dan l-Att m'għandux japplika:
>
> (a) fir-rigward ta' kull reat kontra l-liġijiet dwar id-droga, ħlief reat li jikkonsisti fil-pussess sempliċi għall-użu personali ta' droga projbita, imwettaq fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ; jew
> (b) fejn ir-reat ikun jikkonsisti fil-bejgħ, fil-provvista, fis-somministrazzjoni jew fl-offerta ta' droga projbita lil minorenni, lil mara tqila jew lil persuna li tkun qed issegwi programm ta' kura u ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga u li għal dak ir-reat japplikaw it-tieni proviso tas-subartikolu (2) tal-artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jew it-tieni proviso tas-subartikolu (2) tal-artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi; jew
> (ċ) fejn ir-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga huwa wieħed imwettaq fi jew fir-rigward ta' faċilità korrettiva.

14. Mill-banda l-oħra l-artikolu 8 tal-istess liġi jippreskrivi s-segwenti:-

> (1) Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li, irrispettivament mit-tip tad-droga

jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika lil-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija, u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema', toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.

(2) Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti għall-finijiettas-subartikolu (1) huma dawn li ġejjin:
(a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija husostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;
(b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija majikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'attkriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienetfil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jewsplussiv;
(ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persunaakkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuqid-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga.

15. Skont l-artikolu 8, hemm żewġ kategoriji ta' reati li jkunu jistgħu jikkwalifikaw għal din il-proċedura speċjali –

A. Dawk ir-reati kommessi taħt il-Liġi li tirregola d-Droga; u

B. Ir-reati li jridu jkunu tali li ma jkunux iġorru piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija.

A. Dawk ir-reati kommessi taħt il-Liġi li tirregola d-Droga jistgħu jiġu meqjusa taħt dan l-artikolu 8 dment li l-kwantità ta' droga projbita - irrispettivament minn natura tar-reat, jew mit-tip jew kwalita tad-

droga jew mill-purità ta' dik id-droga[1] - ma jkunux ritenibbli li jaqgħu taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti Kriminali billi dik il-kwantita ma tkunx taqbeż, fil-każ ta':

i. *cannabis* (qanneb indjan) : 300 grammi;

ii. herojina u kokajina : 100 gramma;

iii. ecstasy: inqas minn 300 pillola;

iv. LSD: inqas minn 300;

v. kwadruamfetamina : inqas minn 300 gramma;

vi. ketamina: inqas minn 150 gramma.

B. Ir-reati li jridu jkunu tali li ma jkunux iġorru piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija. Hawnhekk l-istess artikolu 8 ma jagħmilx distinzjoni bejn in-natura tar-reati li jkunu saru bi ksur tal-Liġijiet dwar id-Droga. Iżda dawn il-Qrati, f'diversi digrieti mogħtija minn Ġudikanti differenti iddeċidew li ma jkunx jagħmel sens li l-Leġislatur iqis, f'nifs minnhom, dan l-artikolu bħala li jipprovdi applikabbilita wiesa fir-rigward tar-reati kontra l-Liġi tad-Droga li jaqgħu biss taħt il-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati,[2] biex imbagħad fl-istess nifs jeskludi dawk il-każijiet li jkunu jaqgħu taħt l-istess tipoloġija ta' reati u ġurisdizzjoni tal-Qorti, iżda li jkunu jġorru

[1] ma tkunx taqbeż il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba' Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba 'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika lil-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal proċeduri quddiem il-Qorti Kriminali.

[2] – u li allura fil-każ ta' ħtija – jkunu jistgħu jwaslu għal piena li, skont l-artikoli 22(2)(b)(i) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta jew l-artikolu 120A(2)(b)(i) tal-Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta' Malta, ma taqbiżx l-għaxar snin priġunerija u l-multa ta' mhux inqas minn erba' mija u ħamsa u sittin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€465.87) iżda mhux iżjed minn ħdax-il elf sitt mija u sitta uerbgħin euro u sebgħa u tmenin ċenteżmu (€11,646.87).

l-piena ta' aktar minn seba' snin priġunerija taħt l-istess Liġijiet tad-Droga – meta din id-distinzjoni ssirx mill-istess Liġi tad-Droga innifisha. B'hekk dawn il-Qrati interpretaw din il-parti ta' dan l-artikolu bħala li tirreferi għal dawk ir-reati l-oħra, ċjoe li ma jkunux reati li jaqgħu taħt il-Liġijiet tad-Droga, u li ma jkunux iġorru piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija.

16. Fiż-żewġt ipoteżi A u B hawn fuq imsemmija, l-artikolu 8 jeħtieġ ukoll li :

    a. il-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) tiegħu jridu jkunu ġew sodisfatti u

    b. il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema', tqis li l-każ ikun jimmerita li hija tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.

17. Il-kriterja imsemmija fis-subartikolu 2 tal-artikolu 8 huma dawn :-

    (a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;

    (b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;

(ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuqid-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga.

18. Jiġifieri l-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta jinkludi l-applikabbilita ta' din il-Liġi u l-proċedura speċjali li biha din il-Qorti tista' tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga, **anke fil-każ fejn ir-reat ikun kommess taħt il-Liġi tad-Droga, jkun xi jkun**, diment li l-kwantita tad-droga involuta fir-reat tkun taqa' fil-parametri tal-ammonti imsemmija fir-Raba' Skedi tal-Kapitoli 31 jew 101 tal-Liġijiet ta' Malta b'mod li għal dawn ir-reati l-imputat ma jkunx jista' jiġi riferit għall-kawża quddiem il-Qorti Kriminali; u b'hekk b'mod li l-azzjoni kriminali kontra tiegħu tkun passibli quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali.

19. L-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta ma jagħmilx distinzjoni bejn in-natura tar-reati kommessi taħt il-Liġijiet tad-Droga, dment li l-kwantita ta' droga misjuba – irrispettivament mill-kwalita u purita tagħha – ma tkunx iżjed mill-ammonti imsemmija fl-Iskedi u li tirrendi l-azzjoni kriminali tkun trid bil-fors tinstema' quddiem il-Qorti Kriminali.

20. Mill-banda l-oħra, il-lokuzzjoni tal-artikolu 13 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta (b'mod partikolari fl-artikolu 13(a) tiegħu), tista'

tinftihem b'mod li jmur kontra dak li jipprovdi l-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, u kontra l-ispirtu tal-istess Liġi.

21. Li din il-Liġi hija applikabbli wkoll għal reati li jkunu kommessi kontra l-Liġijiet ta' Droga huwa konfermat mill-artikolu 13 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta innifsu. Iżda dan l-artikolu filwaqt li jipprova jeskludi ċerti ipoteżi ta' reati kontra l-Liġi tad-Droga mill-benefiċċju mogħti mill-proċedura speċjali provduta b'dan l-Att jista' joħloq problema minħabba l-mod ta' kif l-artikolu 13(a) ta' dan l-Att huwa miktub.

22. Il-lokuzzjoni użata – bażata fuq in-negattiv doppju – waslet fil-passat għal kontroversji dwar il-parametri tal-applikabbilita ta' dan l-Att, inkluż f'digrieti mogħtija minn din il-Qorti stess. Biss f'diversi digrieti tagħhom, dawn il-Qrati wkoll iddeċidew li jagħtu interpretazzjoni ta' dan l-artikolu, b'mod partikolari fid-dawl ta' dak li jiddisponu l-paragrafi (a)(b)(c) tiegħu kemm jista' jkun loġika u konsonanti ma dak li jipprovdu l-istess sub-artikoli bejniethom; nonche interpretazzjoni li taqbel mal-ispirtu tal-Liġi innifisha u b'mod partikolari ma' dak dispost mill-artikolu 8 tal-istess Att.

23. Skont l-Artikolu 13(a) dan l-Att ma għandux japplika *fir-rigward ta' kull reat kontra l-liġijiet dwar id-droga, ħlief reat li jikkonsisti fil-pussess sempliċi għall-użu personali ta' droga projbita, imwettaq fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ;*

24. Qari sempliċi ta' dan il-paragrafu jista' jwassal lil qarrej jikkonkludi li dan l-Att, u għalhekk anke l-possibilita li din il-Qorti tkun tista' tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga huwa eskluż fir-rigward tar-reati kollha kontra l-liġijiet dwar id-droga. Bl-eċċezzjoni meta r-reat ikun jikkonsisti fil-pussess sempliċi għall-użu personali ta' droga projbita u mwettaq fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ.

25. Iżda meta wieħed jaqra sew dan l-artikolu 13(a) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta flimkien mal-paragrafi (b) u (ċ) tiegħu u jqabbel dak li jgħidu dawn il-paragrafi ma dak li jgħid l-artikolu 8 tal-istess Liġi, din l-interpretazzjoni aktar il-fuq imsemmija ma tkunx taqbel mal-ispirtu ta' din il-Liġi, mal-kumplament tal-istess artikolu 13, u kif ukoll u b'mod partikolari mal-iskop li l-artikolu 8 ried li jintlaħaq b'din il-Liġi speċjali.

26. Din l-interpretazzjoni twassal sabiex teskludi kull reat taħt il-liġi tad-droga mill-applikabbilita ta' dan l-Att għajr ħlief meta reat ikun jikkonsisti fil-pussess sempliċi għall-użu personali ta' droga projbita u mwettaq fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ. Iżda dan ikun ifisser li l-Liġi tkun qegħda teskludi mill-parametri ta' din il-Liġi speċjali reati oħra bħal pussess kwalifikat jew ċerti tipoloġiji ta' traffikar u li jkunu jaqgħu

xorta waħda taħt il-parametri tal-ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Maġistrati **u li ma kienux ġew esklużi bis-saħħa tal-artikoli 8 u 13(b)(ċ) tal-istess Att**.

27. Din l-interpretazzjoni twassal biex minn banda r-reat ta' pussess kwalifikat ikun eskluż mill-parametri tal-artikolu 13(a) fil-waqt li ċerti ipoteżi ta' traffikar imbagħad ma jkunux esklużi taħt l-artikolu 13(b)(ċ) tal-istess Att u dan peress li dawn iż-żewġt paragrafi jorbtu l-esklużjoni tal-applikazzjoni ta' dan l-Att ma ċerti forom ta' *traffikar*[3] jew mal-post fejn ir-reati kontra l-liġijiet tad-droga jiġu kommessi.[4] Jiġifieri jekk il-paragrafu (a) tal-Artikolu 13 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta ried jeskludi mill-applikazzjoni ta' dan l-Att *kull reat kontra l-liġijiet dwar id-droga, ħlief reat li jikkonsisti fil-pussess sempliċi għall-użu personali ta' droga projbita, imwettaq fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ,* kif imbagħad il-paragrafu (b) tal-istess artikolu jispeċifika din l-eskluzjoni speċifika **biss** f'ċertu tipoloġija ta' traffikar ta' droga ċjoe dik magħmula lil *minorenni, lil mara tqila jew lil persuna li tkun qed issegwi programm ta' kura u ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga u li għal dak ir-reat japplikaw it-tieni proviso tas-subartikolu (2) tal-artikolu 120A tal-*

[3] fejn ir-reat ikun jikkonsisti fil-bejgħ, fil-provvista, fis-somministrazzjoni jew fl-offerta ta' droga projbita lil minorenni, lil mara tqila jew lil persuna li tkun qed issegwi programm ta' kura u ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga u li għal dak ir-reat japplikaw it-tieni proviso tas-subartikolu (2) tal-artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jew it-tieni proviso tas-subartikolu (2) tal-artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.

[4] fejn ir-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga huwa wieħed imwettaq fi jew fir-rigward ta' faċilità korrettiva.

*Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jew it-tieni proviso tas-subartikolu (2) tal-artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi.*

28. Ġaladarba r-reat ta' traffikar huwa wieħed mir-reati kontra l-liġijiet dwar id-droga u ġaladarba din l-ipoteżi kienet minnha nnifisha taqa' taħt id-disposizzjoni ġenerali preskritta bil-paragrafu (a) tal-Artikolu 13 13 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, din il-Qorti ma tarax raġuni għaliex il-Leġislatur kellu joqgħod jieħu l-briga li imbagħad fis-sub-artikolu (b) jippreskrivi **wkoll** li dan l-Att ma japplikax fil-każ ta' traffikar magħmul b'dawk il-modalitajiet partikolari msemmija fih.

29. Anzi, ġaladarba l-paragrafu (b) tal-Artikolu 13 jispeċifika li hija dik it-tipoloġija ta' traffikar li hija eskluża mill-applikabbilita ta' dan l-Att, x'jiġri minn traffikar magħmul b'modalita differenti minn dik preskritta – jiġi eskluż ukoll jew le? U x'jiġri mill-ipoteżi tar-reat ta' pussess kwalifikat ta' droga, li għalkemm gravi bħal traffikar ta' droga għax huwa normalment preludju tiegħu xi jsir minnu – huwa eskluż ukoll jew le, ġaladarba l-Liġi qagħdet issemmi speċifikament li huwa ċertu tip ta' traffikar li huwa eskluż mill-applikabbilita ta' dan l-Att.

30. Imbagħad hemm il-paragrafu ċ li għalkemm jadopera lokuzzjoni ta' portata ġenerika b'riferenza għall-liema reati huma esklużi mill-

applikabbilita ta' dan l-Att, simili għal dak li jippreskrivi l-paragrafu (a) tal-Artikolu 13 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta, imbagħad jiċċirkoskrivi din il-firxa wiesa billi jillimita l-esklużjoni ġenerika għall-applikabbilita ta' dan l-Att għar-reati kollha kontra l-liġijiet dwar id-droga biss meta dawn ikunu kommessi fi jew fir-rigward ta' faċilita korrettiva.

31. Għal darb'oħra jekk l-artikolu 13(a) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta kien, b'mod ġeneriku, jeskludi l-ipoteżi ta' reati kollha kontra l-liġijiet ta' droga ħlief dik l-eċċezzjoni msemmija fih, ma jfissirx li allura anke dik l-ipoteżi msemmija fil-paragrafu (c) kienet tkun ukoll inkluża fih una volta l-paragrafu (a) huwa wieħed ta' portata ġenerali? Jiġifieri x'raġuni kellu l-Leġislatur li jdaħħal il-paragrafi (b) u (ċ) fl-Artikolu 13 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta fid-dawl li l-paragrafu (a) kien ġja jikkomprendi projbizzjoni ġenerali b'eċċezzjoni limitatissima?

32. Din l-interpretazzjoni propunjata mill-Avukat Ġenerali, fil-fehma riveduta tal-Qorti, qajla tagħmel sens.

33. L-interpretazzjoni l-aktar li tkun in sintonija mal-ispirtu ta' din il-Liġi, mal-artikolu 13 innifsu – fir-ramifikazzjonijiet tiegħu riflessi fil-paragrafi (a)(b) u (c) tiegħu, nonche mal-artikolu 8 tagħha, huwa fis-sens li l-Artikolu 13(a) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta jippreskrivi li dan l-Att, u għalhekk il-possibilita li din il-Qorti tkun tista' tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga, jiġi eskluż fir-

rigward ta' kull reat kontra l-liġijiet dwar id-droga - meta dan ikun imwettaq fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ - għajr ħlief meta dan ir-reat ikun jikkonsisti fil-pussess sempliċi għall-użu personali ta' droga projbita.

34. Din l-interpretazzjoni tagħmel sens ukoll fid-dawl tal-fatt li :

i. l-artikolu 13(b) tal-istess Att, imbagħad ikompli jgħid li dan l-Att m'għandux japplika fejn ir-reat ikun jikkonsisti fil-bejgħ, fil-provvista, fis-somministrazzjoni jew fl-offerta ta' droga projbita lil minorenni, lil mara tqila jew lil persuna li tkun qed issegwi programm ta' kura u ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza fuq id-droga u li għal dak ir-reat japplikaw it-tieni proviso tas-subartikolu (2) tal-artikolu 120A tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha jew it-tieni proviso tas-subartikolu (2) tal-artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi;[5] jew

ii. fejn l-artikolu 13(ċ) iżid li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga huwa wieħed imwettaq fi jew fir-rigward ta' faċilità korrettiva.

---

[5] Iżda wkoll, meta persuna tinsab ħatja kif provdut fil-paragrafu (a)(i) jew fil-paragrafu (b)(i) u r-reat ikun sar fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu iż-żgħażagħ, jew ir-reat ikun jikkonsisti fil-bejgħ, fil-provvista, fl-amministrazzjoni jew f'li wieħed joffri li jagħmel xi wieħed minn dawn l-atti, lil minuri, lil mara tqila jew lil persuna li tkun qed issegwi programm ta' kura jew ta' riabilitazzjoni mid-dipendenza mid-drogi, il-piena tiżdied bi grad.

35. Jiġifieri anke hawn jidher biċ-ċar li l-interpretazzjoni tal-artikolu 13(a) tal-Att kif fuq imsemmi tagħmel aktar sens in kwantu l-artikolu 13(b)(ċ) stess ma jeskludux li persuna tkun tista' tibbenefika mid-disposizzjonijiet ta' dan l-Att fil-każijiet ta' pussess kwalifikat jew ċerti tipoloġiji ta' traffikar, dment li l-kumplament tad-disposizzjonijiet ta' dan l-Att ikunu ġew osservati.[6]

36. Din il-Qorti qieset ukoll id-dibattiti parlamentari li waslu għal din il-Liġi. Għalkemm dawn id-dibattiti ftit li xejn jitfgħu dawl fuq ir-raġuni għaliex l-Artikolu 13 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta ġie miktub b'dak il-mod, mill-istess dibattiti jirriżulta li l-Leġislatur ried li din il-Liġi **<u>ma tkunx applikabbli</u>** fir-rigward ta' kull reat kontra l-liġijiet dwar id-droga meta jkun imwettaq fi, jew ġewwa distanza ta' mitt metru mill-perimetru ta', skola, club jew ċentru taż-żgħażagħ, jew xi post ieħor simili fejn normalment jiltaqgħu ż-żgħażagħ, bl-eċċezzjoni ta' meta r-reat ikun jikkonsisti fil-pussess sempliċi għall-użu personali ta' droga projbita f'dak il-kuntest. Fil-fatt, fis-seduta numru 38 tal-Kumitat Permanenti għall-Konsiderazzjoni ta' Abbozzi ta' Liġi miżmuma nhar il-5 ta' Frar 2015, fl-intervent tal-Ministru tal-Ġustizzja ta' dak iż-żmien, Dr. Owen Bonnici, insibu s-segwenti :

> **ONOR. OWEN BONNICI:** Din li għedna qabel, jiġifieri dan l-Att kollu kemm hu, mhux biċċa, kollu, dawn id-drittijiet ġodda li qegħdin nagħtu ma japplikawx jekk xi ħadd ikun għamel reat li jkun imwettaq fil-parametru ta' skola, *club* jew ċentru taż-żgħażagħ jew xi post simili fejn normalment

[6] Ara wkoll inter alia d-deċiżjoni ta' din il-Qorti diversament presjeduta fid-deċiżjoni tagħha ***Il-Pulizija vs. Janis Caruana*** tat-13 ta' Novembru 2019, nonche dik tal-15 ta' Novembru 2019, fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs. Walter Desira***.

jiltaqgħu ż-żgħażagħ, eskluż il-pussess sempliċi. Jiġifieri jekk jien kelli *joint* xorta se nidher quddiem it-Tribunal, imma għal reati ta' pussess aggravat u traffikar taħt[7] it-300 gramma, din il-liġi ma tapplika xejn. It-tieni waħda. Jekk wieħed ibigħ jew jaqsam id-droga ma' minorenni, xi ħadd taħt l-età, mara tqila jew persuna li qed issegwi programm ta' kura - dan kien parir tal-Caritas - ma jibbenefikax minn dan l-Att. Jiġifieri f'dak il-każ il-Qorti ma ssirx Qorti dwar id-Droga.

37. Dan ifisser illi meta l-Leġislatur għamel din il-Liġi huwa ried, bl-aktar mod ċar, jeskludi li persuna li tkun mixlija bir-reat ta' pussess aggravat ta' droga jew ċertu tip ta' traffikar tkun tista' tibbenefika minn din il-Liġi. Iżda l-Ministru hawnhekk ma speċifikax fir-rigward ta' liema benefiċċji ma kellhomx japplikaw. Is-silta aktar il-fuq imsemmija tikkonċentra fuq il-possibilita li wieħed jidher quddiem it-Tribunal b'dawk it-tip ta' reati – aktar milli li tolqot l-applikabbilita ta' dan l-Att fir-rigward ta' meta din il-Qorti tkun tista' tassumi l-Funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.

***Ikkunsidrat***

38. Mistqarra din l-interpretazzjoni tal-Liġi, din il-Qorti jidhrilha li mill-kumpless tal-provi prodotti, f'dan il-każ ir-rikors jimmerita li jiġi milqugħ u dan peress li r-rekwiżiti msemmija fl-artikoli 8 u 13 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta jirriżultaw soddisfatti.

---

[7] Jista' jkun hawnhekk li l-Onorevoli Ministru tal-Ġustizzja ried jgħid "il fuq minn" aktar milli "taħt"?

# ***DEĊIDE***

Għaldaqstant, peress illi f'dan l-istadju l-Qorti tinsab sodisfatta illi l-kundizzjonijiet elenkati fl-Artikolu 8(1) u (2) tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta jissussistu, tilqa' t-talba ta' Bjorn BARTOLO u tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.

Għalhekk tirreferi lill-appellant quddiem il-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Nqabdu bid-Droga ai termini tal-Artikolu 8(3) tal-istess Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Tordna komunika ta' dan id-digriet lill-Bord ta' Riabilitazzjoni ta' Persuni li Inqabdu bid-Droga.

***Aaron M. Bugeja***

***Imħallef***